MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 315/2001/1

Avviz Nru:  315/2001 DM

Elkron Limited

vs

Camelcold Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta sabiex ihallsu s-somma ta’ Lm306.24 bilanc lilhom dovut ghal xoghlijiet maghmula, li jikkonsistu f’installazzjoni ta’ appartat ta’ low voltage systems li sar fi proprjeta taghhom u kif ukoll bhala prezz ta’ l-istess apparat.

Bl-ispejjz u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li dew personalment ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kumpanija konvenuta Camelcold Limited fejn eccepiet illi :

1 It-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici;
2 Minghajr pregiudizzju ghas-suespost, filwaqt li s-somma pretiza hi kontestata, ghal kull buon fini, s-socjeta attrici ma tistax tippretendi hlas jekk ix-xoghol ordnat ma tlestiex;
3 Di piu, hu iktar il-kaz li s-socjeta attrici ghandha tersaq ghall-hlas ghad-danni li sofriet is-socjeta esponenta ghax-xoghol li ghamlet m'hux skond is-sengha w l-arti, liema haga dina l-onorabbli Qorti qed tigi gentilment mitluba tikkonsidera;
4 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Ghalkemm il-konvenuti pprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet biex jikkontestaw it-talba tal-atturi, huma ma pproducew ebda prova sabiex jirribattu l-provi prodotti mill-atturi in sostenn tat-talba taghhom. Infatti mill-provi prodotti mill-atturi jirrizulta ampjament illi l-konvenuti ma kienux hallsu l-ammont intier dovut minnhom ghall-bejgh u stallazzjoni ta' 'low voltage systems' lilhom mibjugha u nstallata f'Jannar ,1996.

Infatti jirrizulta illi l-konvenuti hallew bilanc pendenti fis-somma ta' tlett mija, hamsa u sebghin lira (Lm375), waqt li l-atturi f'din il-kawza qeghdin jillimitaw it-talba taghhom ghas-somma biss ta' tlett mija u sitt liri u erbgha u ghoxrin centezmi (Lm306.24).

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u ghar-ragunijiet premessi fl-avviz qeghda tikkundanna lil'l-

konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija u sitt liri u erbgha u ghoxrin centezmi (Lm306.24) bl-imghaxijiet legali, b'effett mill-1 ta' Novembru, 1997.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------